San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 1 tat-tieni Kumitat Amministrattiv Burmarrad saret nhar is-7 ta' Lulju 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċji Amministrattivi**

Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Simone Aquilina | Cerpersin |
| Michael Borg Olivier | Vici Cermen |
| George Zahra | Membru |
| Lara Piscopo | Membru |

| | |
|---|---|
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skużat/a:-**

| | |
|---|---|
| Rodney Galea, | Membru |

***Bidu tal-laqgha.***

**Ħatra ta' *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv.**
Simone Aquilina talbet l-approvazzjoni minn dawk prezenti għall-ħatra ta' chairman tal-Kumitat Amministrattiv. Kien hemm il-qbil unanimu minn dawk kollha preżenti li bħala chairperson tkun Simone Aquilina u bhala vici chairman ikun is-Sur Michael Borg Olivier.

***Belvedere* ġewwa l-Wardija.**
Iċ-Ċerpersin Simone Aquilina bdiet il-laqgha billi spjegat ix-xoghol li kien inbeda mill-kumitat amministrattiv precedent. Hija spejegat li kienu saru talbiet mall-entitajiet kollha fuq xoghol ta' kostruzzjoni ta' belvedere fil-Wardija, int u sejjer lejn iz-Zebbiegh.

Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li f'dan il-kumitat amministrattiv tinghata aktar attenzjoni lil xogholijiet ta' natura infrastrutturali, bhal xogholijiet ta' tiswijja ta' toroq u bankini.

***Roundabout* f' Burmarrad.**
Saret spjegazzjoni tax-xoghol li kien sar mill-perit tal-Kunsill fejn ga saret il-pjanta u l-permessi mehtiega biex isir xoghol ta' tiswija u xoghol iehor fir-roundabout ta' quddiem Scott's supermarket. Billi ga twahlet tabella ta' riklamar kien hem m il-qbil li ssir laqgha mal-amministratur tal klinika ta' St. James halli jibda x-xoghol fuq l-istess roundabout.

**Triq tal-Wardija.**
Iċ-Ċerpersin Simone Aquilina spjegat li hemm bzonn b'mod urgenti li tissewwa l-hsara fit-triq li taghti ghall Wardija u ghal dan il-ghan ghanda tinkiteb ittra lill TM biex l-istess triq tinghata l-attenzjoni mehtiega.

**Triq Busewdien.**
Iċ-Ċerpersin Simone Aquilina flimkien mas-Sindku Raymond Tabone semmew il-htiega urgent li t-triq Busewdien fil-Wardija tinghata kisja bit-tarmak. Ghall dan il-ghan gie maqbul li l-Kunsill johrog 15K u l-Kumitat Amministrattiv johrog 15K ohra. Ghaldaqstant ghandu jintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss rigward dan.

**Gandott tal-ilma.**
Iċ-Ċerpersin Simone Aquilina qalet li wara li kien tnaddaf il-culvert tal-ilma tax-xita minn quddiem Dar San Xmun, xi hadd mhux maghruf tefa' kwantita ta' terrapien u radam bicca sostanzjali minn dan l-istess gandott. Dan bil-konsegwenza li meta taghmel ix-xita, l-ilma jispicca fit-triq minflok jiskula ghall-gol wied li hemm fl-inhawi. Ghaldaqstant ghandu jigi nfurmat is-sid ta' din id-dar rigward dan.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha ntemmet fis-6.20pm u giet aggornata ghall nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu 2014 fil-5.30pm.

Simone Aquilina
Iċ-Ċerpersin Kumitat Ammministrattiv.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.